MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 480/2007

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri C B.**

**-vs-**

**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fid-9 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu hija talbet li t-talba tagħha għal separazzjoni tiġi konvertita u meqjusa wkoll bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat ir-risposta tal-konvenut preżentata fit-18 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li ma jopponix għal din it-talba *purche* dawn jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-22 ta' Frar 2013 li permezz tiegħu r-rikors tħalla għas-sentenza dwar din it-talba;

Illi l-konvenut mhux jopponi għat-talba u m'hemmx dubju li r-rekwiżiti skond l-artikolu 66F imsemmi, jirrikorru kollha mill-atti stess tal-kawża;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u tordna li l-ewwel talba tal-attriċi, u ċjoe' t-talba tagħha biex il-Qorti tipprununzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet titqies bħala talba għal divorzju skond l-artikolu 66F fuq imsemmi.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------